# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2008/2331(INI)**

11.2.2009

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar Politika Komuni dwar l-Immigrazzjoni għall-Ewropa: Prinċipji, Azzjonijiet u Għodod
(2008/2331(INI))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Simon Busuttil

PR_INI

**WERREJ**

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....3

NOTA SPJEGATTIVA .....10

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar Politika Komuni dwar l-Immigrazzjoni għall-Ewropa: Prinċipji, Azzjonijiet u Għodod**
**(2008/2331(INI))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2008 intitolata 'Politika Komuni dwar l-Immigrazzjoni għall-Ewropa: Prinċipji, azzjonijiet u għodod' (COM(2008)0359),

– wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar Politika Komuni dwar l-Immigrazzjoni għall-Ewropa[1],

– wara li kkunsidra l-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil adottat mill-Kunsill Ewropew fit-15 u l-16 ta' Ottubru 2008[2],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi mekkaniżmu għall-ħolqien ta' Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri[4],

– wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi ddeterminat liema Stat Membru jkun responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadini ta' pajjiż terz jew minn ċittadin bla stat (tfassil mill-ġdid) (COM(2008)0820)

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ottubru 2008 intitolata 'Sena wara Liżbona: Il-partenarjat bejn l-Afrika u l-UE fl-azzjoni' (COM(2008)0617),

– wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Kummissjoni bit-titolu "Il-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pjan tal-UE dwar l-aħjar prattiċi, standards u proċeduri fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-prevenzjoni tiegħu" (COM(2008)0657),

– wara li kkunsidra l-Istrateġija Konġunta bejn l-Afrika u l-UE u l-Ewwel Pjan ta' Azzjoni (2008-2010) - l-Isħubija Strateġika – tagħha, miftiehem fis-Samit ta' bejn l-Afrika u l-UE li seħħ bejn it-8 u d-9 ta' Diċembru 2007 f'Liżbona[1],

---

[1] COR/2008/210.
[2] Dokument tal-Kunsill 13440/08.
[3] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.
[4] ĠU L 199 , 31.7.2007, p. 30.

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2006 bit-titolu "L-Approċċ Globali dwar il-Migrazzjoni sena wara: Lejn politika Ewropea komprensiva dwar il-migrazzjoni" (COM(2006)0735),

– wara li kkunsidra l-"Programm ta' the Hague dwar it-Tisħiħ tal-Libertà, tas-Sigurtà u tal-Ġustizzja fl-Unjoni Ewropea", adottat mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa tiegħu tal-4 u l-5 ta' Novembru 2004,

– wara li kkunsidra l-Programm ta' Tampere adottat mill-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Ottubru 1999 li stabilixxa approċċ koerenti fil-qasam tal-imigrazzjoni u l-asil,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-evalwazzjoni u l-iżvilupp fil-ġejjieni tal-Aġenzija FRONTEX u tas-Sistema ta' Sorveljanza Ewropea tal-Fruntieri (EUROSUR)[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-iskop ta' impjieg bi kwalifiki għoljin[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar proċedura unika ta' applikazzjoni għal permess uniku għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jgħixu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru kif ukoll dwar ġabra komuni ta' drittijiet għall-ħaddiema minn pajjiżi terzi li jkunu qed jgħixu legalment fi Stat Membru[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-2 ta' Settembru 2008 dwar l-evalwazzjoni tas-sistema ta' Dublin[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' April 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/109/KE sabiex il-kamp ta' applikazzjoni tagħha jiġi estiż għal dawk li jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007 dwar il-pjan ta' politika dwar il-Migrazzjoni Legali[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007 dwar il-prijoritajiet ta' politika fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2006 dwar strateġiji u mezzi għall-integrazzjoni ta' immigranti fl-Unjoni Ewropea[1],

---

[1] Dok. tal-Kunsill 7204/08 tal-3 ta' Marzu 2008.
[2] Test adottati, P6_TA(2008)0633.
[3] Test adottati, P6_TA(2008)0557.
[4] Test adottati, P6_TA(2008)0558.
[5] Test adottati, P6_TA(2008)0385.
[6] Testi adottati, P6_TA(2008)0168.
[7] ĠU C 219E, 28.8.2008, p.215.
[8] ĠU C 219E, 28.8.2008, p.223.

– wara li kkunsidra t-Trattat ta' Amsterdam, li jagħti lill-Komunità setgħat u responsabiltajiet fl-oqsma tal-immigrazzjoni u tal-aż̀il, u l-Artikolu 63 tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0000/2009),

A. Billi huwa essenzjali li tintuża strateġija komuni dwar l-immigrazzjoni fl-UE, l-aktar f'żona komuni mingħajr kontrolli fuq il-fruntieri interni, fejn l-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni ta' Stat Membru għandha impatt dirett fuq stati oħra,

B. Billi l-migrazzjoni legali tippreżenta opportunità li minnha jgawdu kemm il-migranti kif ukoll l-Istati Membri; billi, madnakollu, il-progress fil-qasam tal-migrazzjoni legali jrid jimxi id f'id ma' azzjoni effettiva biex tiġġieled l-immigrazzjoni illegali,

C. Billi l-politiki ta' migrazzjoni Ewropej iridu jirrispettaw ir-regoli tal-liġi internazzjonali, l-aktar dawk dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dinjità tal-bniedem u d-dritt għall-aż̀il,

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Jappoġġja bis-sħiħ it-twaqqif ta' politika komuni Ewropea għall-immigrazzjoni msejsa fuq livell għoli ta' solidarjetà politika u operazzjonali, fiduċja reċiproka, trasparenza, responsabilità maqsuma u sforzi konġunti;

2. Iqis li politika komuni għall-immigrazzjoni teħtieġ ukoll it-twaqqif ta' politika komuni għall-aż̀il u jilqa' r-rapport dwar il-ġejjieni ta' Sistema Komuni Ewropea għall-Aż̀il (CEAS);

3. Itenni li l-immaniġġjar tal-migrazzjoni jeħtieġ sħubija u koperazzjoni ġenwina mal-pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' tranżitu;

4. Iqis li l-immigrazzjoni lejn l-UE mhix is-soluzzjoni biex jingħelbu l-isfidi li qed iħabbtu wiċċhom magħhom il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u li politika komuni dwar l-immigrazzjoni għandha topera id f'id ma' politika għall-iżvilupp effettiva;

5. Jilqa' l-adozzjoni ta' Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Aż̀il mill-Kunsill Ewropew tas-16 ta' Ottubru 2008 u l-azzjonijiet, għodod u proposti mressqa mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha msemmija hawn fuq dwar Politika Komuni Ewropea dwar l-Immigrazzjoni: Prinċipji, Azzjonijiet u Għodod; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex mingħajr dewmien jimxu għall-faż̀i ta' implimentazzjoni ta' dawn l-impenji;

***Prosperità u Immigrazzjoni***

[1] ĠU C 303E, 13.12.2006, p.845.

*Migrazzjoni Legali*

6. Iqis li l-migrazzjoni legali hija meħtieġa sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet demografiċi, tas-suq tax-xogħol u l-ħtiġijiet ta' kompetenzi tal-Ewropa; hija tikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp ta' pajjiżi terzi, l-aktar minħabba l-flus li jibgħatu lejn arthom il-migranti; jappella għall-implimentazzjoni ta' sistemi sikuri li jiffaċilitaw dawn it-trasferimenti finanzjarji lejn pajjiżi terzi;

7. Iqis li l-migrazzjoni legali tista' tikkostitwixxi wkoll alternattiva għall-immigrazzjoni illegali peress li din toffri dħul legali, sikur u organizzat għall-Unjoni Ewropea;

8. Jenfasizza l-ħtieġa ta' evalwazzjoni komprensiva tal-ħtiġijiet ta' kompetenzi u tal-ħtiġijiet tas-suq tal-UE; iqis, madankollu, li kull Stat Membru għandu jibqagħlu l-kontroll tan-numru ta' persuni meħtieġa għall-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol tiegħu;

9. Itenni l-ħtieġa li l-UE issir aktar attraenti għall-ħaddiema bi kwalifiki għolja, filwaqt li jitqiesu l-implikazzjonijiet li dan jista' jkollu fuq it-tluq tal-aħjar imħuħ mill-pajjiżi tal-oriġini, li jista' jitrażżan permezz ta' migrazzjoni temporanja jew ċirkolari;

10. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tpoġġi għad-dispożizzjoni fil-pajjiżi tal-oriġini tagħrif dwar il-possibiliatjiet tal-migrazzjoni legali kif ukoll dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-migranti ġaladarba jkunu jgħixu fl-UE;

*Integrazzjoni*

11. Jappoġġja l-isforzi ta' integrazzjoni tal-migranti legali kif ukoll ta' dawk li jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-identità u l-valuri tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, inkluż ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għall-istat tad-dritt, għad-demokrazija, għat-tolleranza u għall-ugwaljanza; jagħraf li l-integrazzjoni hija aktar diffiċli li tintlaħaq f'pajjiżi li qed iħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet sostanzjali ta' migrazzjoni;

12. Jenfasizza li l-integrazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-inklużjoni soċjali, fuq in-non-diskriminazzjoni, fuq l-opportunitajiet indaqs, fuq l-edukazzjoni, fuq id-djalogu interkulturali u fuq l-immaniġġjar tad-diversità fl-iskejjel u fuq il-postijiet tax-xogħol;

***Is-Sigurtà u l-Immigrazzjoni***

*Immaniġġjar Integrat tal-Fruntieri*

13. Iqis li l-immaniġġjar integrat tal-fruntieri esterni huwa kundizzjoni essenzjali għall-politika komuni effettiva dwar l-immigrazzjoni u li għandha titfassal flimkien ma' politiki oħra, l-aktar dawk dwar il-kontrolli tad-dwana u dwar il-prevenzjoni ta' theddidiet li jikkonċernaw is-sikurezza u s-sigurtà;

14. Jenfasizza li l-immaniġġjar integrat tal-fruntieri jeħtieġ aktar investiment f'teknoloġiji ġodda, bħall-bijometrika, filwaqt li jitqiesu l-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-data u dwar il-privatezza;

15. Jappella sabiex il-viżi Schengen nazzjonali attwali jinbidlu b'viżi Schengen Ewropej li jkunu uniformi, sabiex jitħalla li jkun hemm trattament ugwali ta' dawk kollha li japplikaw għall-viża, u jappella għal studju dwar it-twaqqif ta' sistema li tirrikjedi li ċittadini ta' pajjiżi terzi jiksbu awtorizzazzjoni elettronika għas-safar qabel ma jsiefru lejn territorju tal-UE;

*Immigrazzjoni illegali*

16. Jiddispjaċih ferm li, minkejja diversi sejħiet mill-Parlament, il-progress fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali qed ikun bil-mod u mhux biżżejjed;

17. Jinsab ixxukkjat dwar it-traġedja umana li hija kkawżata mir-rotot illegali migratorji bil-baħar, l-aktar fil-fruntieri tal-baħar tan-nofsinhar tal-Unjoni, li jsegwu dawk li jitilqu mix-xtut Afrikani u jwettqu qasma perikoluża bil-baħar lejn l-Ewropa; jappella bil-qawwa għal azzjoni urġenti sabiex tintemm darba għal dejjem din it-traġedja umana;

18. Iqis li minkejja ż-żidiet kontinwi fil-mezzi finanzjarji li dwarhom insista l-Parlament, l-Aġenzija Ewropea għall-Immaniġġjar tal-Koperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (FRONTEX) għadha 'l bogħod milli tikkoordina b'mod effettiv il-fruntieri esterni tal-Unjoni;

19. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal proposta biex issir reviżjoni tal-mandat tal-FRONTEX u jqis li hemm ħtieġa urġenti li din tissaħħaħ, l-aktar billi titkabbar il-kapaċità operazzjonali tagħha u l-kapaċità tagħha li twettaq missjonijiet permanenti f'żoni li jħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet migratorji kbar';

20. Iqis li, sabiex tissodisfa l-mandat tagħha b'mod effikaċi, il-FRONTEX teħtieġ riżorsi adegwati, u mhux biss finanzjarji, u jistieden lill-Istati Membri sabiex jaqsmu aktar il-mezzi tekniċi, u lill-Kummissjoni biex tressaq proposti leġiżlattivi sabiex tistabbilixxi solidarjetà obligatorja għall-Inventarju Ċentralizzat tat-Tagħmir Tekniku Disponibbli (CRATE) fuq l-istess bażi ta' dak maħsub għat-Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri (RABITs);

21. Jistieden lill-FRONTEX u lill-Kummissjoni sabiex iwettqu studju, li jkun jinkludi stimi, dwar il-possibilità li l-FRONTEX ikollha t-tagħmir tagħha u dwar il-possibilità li l-FRONTEX tinbidel f'gwardja tax-xtut tal-UE;

22. Iqis li l-FRONTEX tista' tkun biss effettiva bis-sħiħ jekk jiżdiedu l-isforzi dwar l-azzjonijiet kumplimentari, bħall-ammissjoni mill-ġdid u l-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja lill-FRONTEX f'dan ir-rigward;

23. Jappoġġja l-istabbiliment ta' uffiċċji speċjalizzati tal-aġenzija biex titiqes id-diversità tas-sitwazzjonijiet, l-aktar għall-fruntieri tal-art fil-Lvant u fruntieri tal-baħar fin-Nofsinhar;

24. Ifakkar li l-immigrazzjoni illegali ħafna drabi hija organizzata minn netwerks kriminali, li s'issa wrew li kienu aktar effettivi mill-azzjoni komuni Ewropea; jinsab konvint li dan in-network kriminali hu responsabbli għall-mewt ta' mijiet ta' persuni li jitilfu ħajjithom fil-

baħar kull sena; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jirdoppjaw l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-traffikar tal-bnedmin;

*Ir-Ritorn*

25. Iqis li l-migranti li jkunu qegħdin fit-territorju tal-Istati Membri b'mod illegali u li ma jkunux intitolati għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jiġu obbligati li jitilqu; jilqa', f'dan ir-rigward, l-adozzjoni ta' Direttiva dwar ir-Ritorn u jħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jittrasponuha mill-aktar fis; jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li r-ritorn jitwettaq b'rispett tal-liġi u d-dinjità tal-persuni involuti, filwaqt li tingħata preferenza għar-ritorn volontarju;

26. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex taħdem għall-infurzar effettiv tal-obbligu tal-pajjiżi terzi li jieħdu lura ċ-ċittadini tagħhom li jkunu qegħdin fit-territorju tal-UE b'mod illegali, kif maħsub fl-Artikolu 13 tal-Ftehima ta' Cotonou tat-23 ta' Ġunju 2000; jappella għat-tisħiħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet waqt in-negozjati dwar il-Ftehima l-ġdida tal-ACP (Afrika, Karibew u l-Istati tal-Paċifiku);

27. Jenfasizza l-ħtieġa ta' dimensjoni Ewropea ġenwina dwar il-politika tar-ritorn permezz tal-għarfien reċiproku tad-deċiżjonijiet ta' ritorn; iħeġġeġ sabiex ikun hemm aktar koperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-proċessi ta' ritorn, kif ukoll it-tisħiħ tal-irwol tal-FRONTEX f'operazzjonijiet konġunti ta' ritorn;

28. Jappella sabiex tissaħħaħ il-koperazzjoni, inkluż permezz ta' koperazzjoni bejn il-konsulati, mal-pajjiżi tal-oriġini sabiex jitħaffu l-proċeduri ta' ammissjoni mill-ġdid, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tevalwa l-ftehimiet eżistenti ta' ammissjoni mill-ġdid bil-għan li l-implimentazzjoni tagħhom titħaffef u sabiex iservu ta' lezzjoni għall-ftehimiet fil-ġejjieni;

***Is-Solidarjetà u l-Immigrazzjoni***

*Il-Koordinazzjoni bejn l-Istati Membri*

29. Jiddispjaċih ferm li l-Istati Membri m'urewx biżżejjed solidarjetà meta ffaċċjati bl-isfida dejjem tikber tal-immigrazzjoni; jappella għal reviżjoni urġenti tal-Programm ta' Qafas dwar is-Solidarjetà u l-Immaniġġjar tal-Flussi ta' Migrazzjoni għall-perjodu 2007-2013[1] u tal-erba' strumenti finanzjarji tiegħu sabiex ikunu jistgħu jirriflettu realtajiet ġodda li jinħolqu mill-pressjonijiet dejjem jikbru tal-migrazzjoni u sabiex jintużaw biex jindirizzaw ħtiġijiet urġenti, bħal fil-każ ta' sitwazzjonijiet ta' flussi kbar ta' immigranti;

30. Jilqa' l-impenji meħuda mill-Istati Membri fil-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil imsemmi hawn fuq, fir-rigward tal-ħtieġa għas-solidarjetà; jilqa', b'mod partikulari, l-inklużjoni ta' mekkaniżmu volontarju ta' qsim tal-piż li jippermetti r-rilokazzjoni fl-UE ta' dawk li jibbenefikaw minn protezzjoni internazzjonali, minn Stati Membri li jħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet speċifiċi u disproporzjonati fuq is-sistemi nazzjonali tal-ażil tagħhom, partikolarment minħabba l-qagħda ġeografika u demografika tagħhom, lejn

[1] (COM(2005)0123).

Stati Membri oħra; jilqa' wkoll l-allokazzjoni ta' 5 miljun Euro għal dan il-għan fil-baġit tal-UE għall-2009 skont il-Fond Ewropew għar-Refuġjati; jistieden lill-Kummissjoni sabiex timplimenta dan il-mekkaniżmu minnufih u sabiex tipproponi bla dewmien inizjattiva leġiżlattiva sabiex tistabbilixxi dan il-mekkaniżmu fuq livell Ewropew fuq bażi permanenti;

31. Jappoġġja r-reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 ("ir-Regolament ta' Dublin")[1] sabiex ikun żgurat li jkun hemm allokazzjoni aktar ekwa tar-responsabilità fl-eżami tal-applikazzjonijiet għall-ażil;

*Koperazzjoni ma' pajjiżi terzi*

32. Jiddispjaċih li l-koperazzjoni ma' pajjiżi terzi ma tatx biżżejjed riżultati, ħlief għall-koperazzjoni eċċezzjonali ta' Spanja ma' pajjiżi terzi, bħas-Senegal; jappella għal appoġġ immirat għall-pajjiżi terzi ta' tranżitu u tal-oriġini sabiex jingħataw għajnuna biex iwaqqfu kapaċitajiet ta' mmaniġġjar effettiv tal-fruntieri, li jinvolvu lill-FRONTEX f'missjonijiet ta' għajnuna fuq il-fruntieri f'dawk il-pajjiżi;

33. Jenfasizza li l-ftehimiet kollha ma' pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu għandhom jinkludu kapitli dwar il-koperazzjoni fl-immigrazzjoni u jappella biex ikun hemm politika ambizzjuża ma' pajjiżi terzi dwar il-koperazzjoni ġudizzjarja u bejn il-pulizija biex jiġu miġġielda l-organizzazzjonijiet kriminali internazzjonali li jwettqu traffikar tal-bnedmin u sabiex il-persuni kkonċernati jittellgħu l-qorti; jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex tintensifika l-appoġġ tagħha, inkluża għajnuna finanzjarja u teknika, favur il-pajjiżi terzi;

34. Jenfasizza l-importanza ta' politika ta' żvilupp fil-pajjiżi terzi tal-oriġini jew tat-tranżitu bħala mezz kif tiġi indirizzata f'ras il-għajn l-isfida tal-immigrazzjoni; jappella biex ikun hemm koordinazzjoni mtejba tal-politiki tal-Unjoni dwar l-immigrazzjoni u l-iżvilupp, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ l-objettivi strateġiċi bħall-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp;

0

0 0

35. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

[1] ĠU L 50, 25, 2.2003, p. 1.

# NOTA SPJEGATTIVA

## Introduzzjoni

Ma hemm l-ebda dubju li l-immigrazzjoni hija waħda mill-isfidi ewlenin li l-Ewropa qed tiffaċċja attwalment. Fl-indirizzar ta' din l-isfida, nistgħu nadottaw politiki li jittrasformawha f'opportunità jew nistgħu nimmaniġġjaw is-sitwazzjoni b'mod ħażin u b'konsegwenzi serji għal dawk kollha kkonċernati.

L-esperjenza wriet li l-immigrazzjoni hija preokkupazzjoni komuni fejn il-pajjiżi tal-UE jistgħu u għandhom jaħdmu flimkien għall-benefiċċju reċiproku tagħhom. Il-pajjiżi individwali li jaġixxu għal rashom, indipendentement mid-daqs, tħabtu biex jipprovdu reazzjoni adegwata. L-aktar fil-qasam tal-moviment ħieles u ż-żona Schenghen.

B'riżultat tal-fruntieri esterni komuni, l-azzjonijiet jew in-nuqqas ta' azzjonijiet ta' Stat Membru wieħed jaffettwaw l-interessi tal-oħrajn. Bl-istess mod, il-pressjonijiet tal-migrazzjoni li jaffettwaw Stat Membru individwali huma ta' tħassib ukoll għall-Unjoni kollha kemm hi. Għalhekk, l-UE qed tintalab biex tieħu rwol definittiv fil-bini ta' politiki Ewropea komuni dwar l-immigrazzjoni.

Ir-rapporteur tagħkom iqis li l-momentum biex verament tinbena politika Ewropea komuni dwar l-immigrazzjoni issa laħaq veloċità irriversibbli u l-Unjoni Ewropea għandha taħtaf l-opportunità biex twassal din il-politika. Jew inkella se nħarsu lura b'dispjaċir kbir.

Ġew irreġistrati kisbiet importanti b'riżultat tal-programmi Tampere (1999-2004) u Hague (2004-2009) u wieħed jilqa' b'sodisfazzjon ukoll il-kontribuzzjoni kontinwa tal-Parlament Ewropew. Madankollu, il-politika dwar l-immigrazzjoni għadha fframmentata u jeħtieġ li l-frammenti jinġabru fi stampa waħda, sħiħa u koerenti. U hemm saħansitra iktar xi jsir. Hemm bżonn ta' viżjoni ta' politika komuni li tibni fuq il-kisbiet tal-passat iżda li fl-istess ħin tkun immirita lejn il-ġejjieni. Sabiex jinkiseb dan hemm bżonn ta' iktar ambizzjoni u jeħtieġ li l-pajjiżi tal-UE jwarrbu l-kburija nazzjonali u jaqblu li jaħdmu aħjar flimkien.

Ir-rapporteur tagħkom jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tal-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil mill-Kunsill Ewropew fis-16 ta' Ottubru 2008 li rrikonoxxa bla tlaqliq il-bżonn li l-Ewropa tkompli toħloq politika komuni. Il-prinċipji, l-azzjonijiet u l-għodda għal politika komuni dwar l-immigrazzjoni fl-aħħar qed jiġu definiti u hekk kif il-mandat tal-Parlament Ewropew 2004-2008 qed joqrob lejn tmiemu, f'dan ir-rapport ir-rapporteur tagħkom jittama li jagħti idea ġenerali tal-linji gwida li fis-snin li ġejjin il-viżjoni tal-Parlament Ewropew għal politika Ewropea komuni dwar l-immigrazzjoni għandha timxi fuqhom.

Ir-rapport jipprova jkopri d-dimensjonijiet kollha tal-immigrazzjoni sabiex tingħata stampa sħiħa. Minkejja dan, jeħtieġ li jkun hemm analiżi iktar profonda għal għodod u azzjonijiet individwali.

## L-Ewropa taf tiġi megħluba bl-avvenimenti

Jekk l-Ewropa ma timxix ‘il quddiem b’urġenza fil-ħolqien ta’ politika komuni dwar l-immigrazzjoni, taf tispiċċa megħluba bl-avvenimenti. L-avvenimenti drammatiċi ta’ madwarna wrew li diġà qedin tard. Fis-snin reċenti, il-pressjonijiet migratorji żdiedu fil-fruntieri l-ġodda tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Ewropa. Fin-Nofsinhar, il-pressjonijiet kienu partikularment qawwija minħabba l-fenomenu tan-nies li jitilqu fuq dgħajsa għal vjaġġi perikoluż bit-tama li jaslu fil-Kontinent Ewropew.

Kull sena qed isseħħ traġedja umana fatali fejn mijiet ta’ persuni qed jitilfu ħajjithom fil-baħar u inkredibbliment din it-traġedja taf qed isseħħ mingħajr ħadd ma jinduna biha – fl-2007 jaf kien hemm iktar nies li tilfu ħajjithom fil-Mediterran u 'l barra mill-Gżejjer Kanarji milli fil-gwerra tal-Libanu, filwaqt li fl-2008, intilfu iktar ħajjiet fil-baħar milli fil-gwerra ta’ Gaża. Din it-traġedja umana trid tintemm minnufih.

Eluf ta’ immigranti qed jiġu salvati mill-baħar u l-pajjiżi tal-UE għandhom responsabilità importanti f’dan ir-rigward. Pereżempju, mill-2,700 immigrant li waslu Malta fl-2008, iktar minn 2,000 ġew salvati mill-baħar meta dgħajjes mimlija immigranti fuq triqithom lejn Lampedusa (l-Italja) sabu ruħhom fil-periklu u ġew salvati mill-iskwadra marittima tal-Forzi Armati ta’ Malta, li ta’ sikwit ikunu involuti f’operazzjonijiet ta’ salvataġġ b’riskju għoli f’ibħra mhux territorjali.

Ċerti pajjiżi huma esposti għall-pressjonijiet migratorji b’mod aktar qawwi minn pajjiżi oħrajn. Il-Gżejjer Kanarji (Spanja), Lampedusa (l-Italja), Malta u Ċipru kienu affettwati b’mod partikulari kif ukoll Stati Membri oħrajn bħall-Greċja. Iżda filwaqt li l-immigranti li jaslu f’Lampedusa jew fil-Gżejjer Kanarji jistgħu jiġu ttrasferiti malajr lejn il-kontinent, l-Italja jew Spanja, dawk li jaslu Malta ma jistgħux jiġu ttrasferiti minħabba li l-politika dwar l-immigrazzjoni tal-Ewropa għadha ma tipprevedix dan it-tip ta’ trasferiment intra-UE.

Għalhekk, il-politika komuni tal-Ewropa dwar l-immigrazzjoni għandha tittraduċi ruħha wkoll f’politika ta’ solidarjetà ma’ dawk l-Istati Membri li jinsabu fil-fruntieri esterni ta-Ewropa, minħabba li huma jipproteġu wkoll il-fruntieri esterni tal-Ewropa. U hemm it-tendenza li wara li l-migranti jaslu f’dawn il-pajjiżi, maż-żmien, imorru f’żoni oħrajn tal-Unjoni.

## 1. Prosperità u Immigrazzjoni

Sakemm l-Ewropa ma tridx li ssir kontinent fortizza li ma jirrikonoxxix l-attrazzjoni ovvja tiegħu għall-immigrazzjoni minn pajjiżi terzi, jeħtieġ li l-politika komuni dwar l-immigrazzjoni tinkludi regoli dwar id-dħul legali fl-Ewropa. Fil-fatt, ir-rotta legali għall-Ewropa tfisser ukoll li jintaqqsu sew l-ambitu u l-inċentiv għal rotot illegali.

Ma hemmx dubju li l-migrazzjoni legali tista’ tikkontribwixxi għat-tkabbir ekonomiku tal-UE u b’mod partikulari għal dawk l-Istati Membri li għandhom bżonn il-migranti minħabba l-istat tas-suq tax-xogħol tagħhom jew minħabba d-demografija tagħhom. Barra minn hekk, il-migranti jiagħtu lura l-flus lill-pajjiżi ta’ oriġini tagħhom u b’hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta’ dawn il-pajjiżi. Għalhekk jekk tkun organizzata kif xieraq, il-migrazzjoni legali tista' tkun sitwazzjoni favorevoli għall-partijiet kollha.

### *1.1 Migrazzjoni Legali*

Il-migrazzjoni legali għandha tkun irregolata permezz ta' regoli ċari, trasparenti u ġusti, għalkemm f'dan l-istadju ta' żvilupp joħroġ ċar li kull Stat Membru għandu jżomm il-kontroll fuq in-numru ta' ħaddiema li jista' jintegra fis-suq tax-xogħol tiegħu, filwaqt li titqies kif xieraq il-preferenza komunitarja. Wara l-adozzjoni tal-Karta l-Blu, issa wasal iż-żmien li mmorru oltre u jiġu pprovduti l-opportunitajiet għall-ħaddiema b'sengħa u l-ħaddiema staġjonali.

Għandhom jitqiesu wkoll l-effetti tal-esodu ta' nies imħarrġa, imma minħabba li l-ħaddiema b'ħiliet ta' livell għoli minn pajjiżi terżi xorta waħda qed jiċċaqilqu minn pajjiżhom, allura ftit li xejn hemm skop li titlifhom l-Ewropa. Sabiex jittaffu l-effetti negattivi, ir-rapporteur tagħkom jappoġġja 'ċ-ċirkolazzjoni tan-nies imħarrġa' billi titħeġġeġ il-migrazzjoni temporanja jew ċirkolari.

*1.2 Integrazzjoni*

Fir-rigward tal-immigranti li jidħlu b'mod legali u li jistgħu jibqgħu fuq bażi fit-tul, l-integrazzjoni għandha tkun appoġġjata minħabba li tkun ta' benefiċċju kemm għall-migranti kif ukoll għas-soċjetà ospitanti. L-istrumenti ta' politika għandhom jippermettu li l-migranti li jkunu qed jintegraw ruħhom jipparteċipaw fil-komunità lokali tagħhom, filwaqt i titrawwem diversità fuq il-post tax-xogħol u fl-iskejjel u filwaqt li tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni. Madankollu, il-migranti li jkunu jixtiequ jintegraw ruħhom għandhom ikunu lesti jirrispettaw l-identità u l-valuri tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, fosthom ir-rispett għad-drittijiet tal-bnieden, l-istat ta' dritt, id-demokrazija, it-tolleranza u l-ugwaljanza. Ovvjament, l-integrazzjoni hija inqas possibbli fil-pajjiżi li qed jaffaċċjaw pressjonijiet migratorji eċċezzjonali minħabba li dawn il-pajjiżi m'għandhomx il-kapaċità li jintegraw numru kbir ta' migranti u fi kwalunkwe każ, il-migranti ta' sikwit ikollhom l-intenzjoni li jmorru f'partijiet oħra tal-Ewropa.

## 2. Sigurtà u Immigrazzjoni

L-Unjoni Ewropea tista' tkun kredibbli biss fir-rigward tal-migrazzjoni legali jekk l-ewwel turi li tista' tikseb riżultati fir-rigward tal-immigrazzjoni illegali. Ir-rapporteur tagħkom jemmen li l-Ewropa ma għamlitx biżżejjed, kollettivament, biex tiġġieled l-immigrazzjoni illegali u l-progress għadu bil-mod wisq u insuffiċjenti. Dan joħroġ l-iktar min-nuqqas kontinwu ta' għodda Ewropej komuni li jgħinu biex jittieħdu passi serji kontra r-rotot ta' dħul illegali. Għalhekk, mhux sorpiża li r-rotot tal-immigrazzjoni jirnexxielhom jaqsmu mill-punt l-aktar dgħajjef. L-Ewropa għandha teżerċità tmexxija b'saħħitha sabiex tintemm l-immigrazzjoni illegali, darba għal dejjem, speċjalment meta din tkun ibbażata fuq il-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin u meta qed twassal għal imwiet siekta ta' vittmi sfurtunati.

*2.1 Immaniġjar Integrat tal-Fruntieri*

L-Istati Membri għandhom iżommu kontroll sħiħ tal-fruntieri tagħhom. Iżda r-realtà wriet li dawk esposti għall-pressjonijiet migratorji – indipendentement mid-daqs tagħhom – ma kienux kapaċi jipproteġu b'mod effettiv il-fruntieri tagħhom stess. Għalhekk, l-Ewropa għandha tuża l-għodda xierqa kollha, inklużi t-teknoloġiji l-ġodda bħall-bijometrija, sabiex tgħin lil dawn il-pajjiżi jwettqu dan.

*2.2 Frontex*

Ir-rapporteur tagħkom jemmen li l-aġenzija Frontex tibqa' l-mezz ideali biex tiġi ddirezzjonata r-reazzjoni kollettiva tal-Ewropa fir-rigward tal-immigrazzjoni illegali. Il-Parlament diġà appoġġja din l-aġenzija billi żied il-baġit operazzjonali b'iktar minn €50 miljun. Madankollu din l-aġenzija ma kinetx effettiva b'mod suffiċjenti u għandha tissaħħaħ iktar kemm fir-rigward tar-riżorsi finanzjarja tagħha kif ukoll fir-rigward tal-kapaċitajiet tagħha li taġixxi. Għal dan il-għan, jeħtieġ ukoll li tiġi stabbilita sistema ta' solidarjetà obbligatorja fejn l-Istati Membri li jimpenjaw assi għar-reġistru tal-aġenzija (CRATE) iżommu verament il-wegħdiet tagħhom u jipparteċipaw fil-missjonijiet tagħha. Sfortunatament, s'issa l-esperjenza wriet li l-missjonijiet tal-Frontex, speċjalment ir-rondi marittimi, jeħlu minħabba li l-Istati Membri tal-UE ma jirnexxilhomx iżommu l-impenji tagħhom jew ma jipparteċipawx. Dan jitlob li jkun hemm ħsieb mill-ġdid fir-rigward ta' dawn il-missjonijiet u dwar jekk l-aġenzija għandux ikollha l-assi proprja tagħha. Barra minn hekk, l-aġenzija Frontex ma tistax tkun kompletament effettiva sakemm ma jkunx hemm livell adegwat ta' koperazzjoni min-naħa ta' pajjiżi terzi u ma' pajjiżi terzi.

*2.3 Ritorn*

Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jogħdu illegalment fit-territorju tal-UE għandhom jitilqu jew jiġu rritornati lura f'pajjiżjom. Għalhekk il-miżuri għal ritorn effettiv huma indispensabbli. Għandha tingħata preferenza għar-ritorn volontarju u l-Istati Membr għandhom jikkooperaw fir-rigward tar-ritorn ta' dawn in-nies, anki permezz tal-organizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' ritorn konġunti, bl-involviment tal-Frontex.

## 3. Solidarjetà u Immigrazzjoni

Il-politika komuni dwar l-immigrazzjoni għandha tkun ibbażata fuq is-solidarjetà iżda s'issa kien hemm nuqqas ta' solidarjetà u ta' sikwit wisq l-Istati Membri li jaffaċċjaw pressjonijiet migratorji qawwija tħallew għal rashom. B'konsegwenza, dan dgħajjef il-fiduċja fl-Ewropa. It-Trattat ta' Liżbona jista' jerġa' jistabbilixxi din il-fiduċja fl-Ewropa minħabba li d-dispożizzjonijiet tiegħu jiffavorixxu t-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoi biex taġixxi b'mod konġunt dwar l-immigrazzjoni.

*3.1 Koordinazzjoni bejn l-Istati Membri*

L-istrumenti finanzjarji tal-Programm Ġenerali dwar is-Solidarjetà u l-Immaniġġjar tal-Flussi ta' Migrazzjoni (2007-2013) kienu pass għaqli fid-direzzjoni t-tajba iżda damu wisq biex bdew u għandhom jiġu riveduti biex iqisu r-realtajiet il-ġodda li qed joħorġu mix-xenarji li qed jinbidlu.

Ir-rapporteur tagħkom iqis li l-mekkaniżmu tal-qsim tal-piż previst fil-Patt Ewropew dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil għandu jiġi implimentat kemm jista' jkun malajr u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tniedi dan il-mekkaniżmu bla dewmien. Inizjalment dan se jkun jikkonsisti fi programm volontarju li se jippermetti l-allokazzjoni mill-ġdid intra-UE tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali minn Stati Membri li qed jaffaċċjaw pressjonijiet speċifiċi u disproporzjonati għal oħrajn. Il-Parlament diġà vvota €5 miljun fil-baġit 2009 tal-UE għal dan l-iskop taħt il-Fond Ewropew għar-Refuġjati. Fuq il-bażi ta' din l-esperjenza, il-Kummissjoni mbagħad għandha tipproponi kif dan il-mekkaniżmu jista' jinbidel fi strument

vinkolanti u permanenti.

Għandha tiġi eżerċitata solidarjetà fil-każ ta' operazzjonijiet ta' salvataġġ f'żoni marittimi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi kif ukoll permezz tar-reviżjoni tar-Regolament ta' Dublin.

*3.2 Koperazzjoni ma' pajjiżi terzi*

Fl-aħħar nett, il-politika komuni dwar l-immigrazzjoni ma tistax taħdem sakemm ma jkunx hemm sħubija sinifikanti ma' pajjiżi terzi, kemm jekk ikunu pajjiżi ta' oriġini kif ukoll jekk ikunu pajjiżi ta' tranżitu.

L-irwol determinanti ta' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi diġà wera bla ebda dubju l-importanza tiegħu. Pereżempju, fl-2008, b'riżultat tal-koperazzjoni ta' Spanja mas-Senegal u l-Mawritanja, id-dħul ta' immigranti illegali naqsu b'sebgħin fil-mija. Għall-kuntrarju, fir-reġjun tal-Mediterran ċentrali, il-Libja ma kinetx daqsekk miftuħa biex tikkoopera u l-immigranti illegali żdiedu ħafna.

Għalhekk, il-kwistjonijiet tal-immigrazzjoni għandhom ikunu intergrati bis-sħiħ fil-politika ta' l-Unjoni dwar il-kooperazzjoni fl-iżvilupp, kif ukoll f'politiki esterni oħra. Għal dan il-għan, ir-rapporteur tagħkom jemmen li l-ftehimiet kollha ma' pajjiżi terzi għandhom jinkludu kapitoli dwar koperazzjoni fir-rigward tal-immigrazzjoni, fosthom dispożizzjonijiet dwar opportunitajiet għal migrazzjoni legali, il-kontroll tal-immigrazzjoni illegali u r-riammissjonijiet. Għandhom jiġu stabbiliti uffiċċji reġjonali f'ċerti pajjiżi terzi biex tiġi pprovduta assistenza prattika fil-qasam tal-migrazzjoni legali u r-ritorn volontarju tal-immigranti.